**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Brandon Callus**

**Illum il-11 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Brandon Callus** bin Michael u Tracy nee Cilia imwieled Pieta' fid-9 ta' Settembru 1990, residenti gewwa 3, Gesu Redentur, Triq Dun Guzepp Gonzi, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 437990M, akkuzat talli;

Fis-7 ta' Novembru 2020 ghall-habta ta' 11:15hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa Hal-Qormi u fil-gzejjer Maltin, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar, matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c) L.S. 549.42;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg 12(1);

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita' ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d) L.S. 549.42;

Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 549.42;

Fl-istess data, hin u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghal-insib tal-ghasafar, kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma tapplika mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, dan bi ksur ta' L.S. 549.74 Reg 12(1).

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A. L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti,

Semghet lix-xhieda inkluz lill-imputat jixhed b'mod volontarju fis-seduta tal-11 ta' Frar 2022,

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet,

Illi mill-affidavits ipprezentati mill-pulizija kjarament jirrizulta li fid-data tal-imputazzjonijiet odjerni u cioe' fis-7 ta' Novembru 2020, waqt stagun miftuh u minkejja li l-imputat ma kellux licenzja generali tal-kacca huwa kien ghall-kacca b'bird caller mixghul. Hekk kif ra lill-pulizija l-imputat harab minn fuq il-post u ssakkar gewwa kamra.

Illi l-imputat u xhieda in difesa spjegaw kif kien propju missier l-imputat li kien ghal kacca madanakollu John Ellul (missier l-imputat) tah attack ta' asthma hekk kif kien 'sorpriz' li ra lill-partner ta' ibnu gejja l-ghalqa (ghax kienet tqila) konsegwentament hu jghid li halla s-senter ma ibnu ftit momenti qabel gew il-pulizija u raw lill-ibnu bis-senter f'idu. Mill-istess xhieda tad-difiza jirrizulta car li kuntrarjament ghal dak li spjega John Ellul, il-partner tal-imputat minkejja li kienet tqila kienet tmur ta' spiss l-ghalqa u ghaldaqstant ma kelliex tkun il-kawza ta' attakk ta' asthma hekk kif spjega John Ellul. Di piu' dina l-Qorti ma tistax ma tinnotax li *a tempo vergine* la l-imputat u lanqas John Ellul ma qallu lill-pulizija dak li huma ddikjaraw bil-gurament quddiem dina l-Qorti. Anzi, wara li gie mghoti d-drittijiet, mill-affidavits tal-pulizija (li tahom qatt ma ntalab li jsir kontro-ezami) jirrizulta li l-imputat spjega lill-pulizija li huwa kien mar jinheba ghax beza ghax ma kellux licenzja tal-insib. Din l-Qorti hija tal-fehma li xhieda in difeza ghandhomx mis-sewwa tenut kont li kieku persuna li tkun

sempliciment qed izomm arma l-ghaliex missieru hassu hazin ma ghandhiex ghalfejn tahrab minn fuq il-post hekk kif tara l-pulizija. Di piu' jekk hu minnu li John Ellul tah attakk ta' asthma dan il-fatt kien ikun vizzibli ghall-iben l-imputat u ghaldaqstant dan tal-ahhar ma kienx jibqa l-ghalqa jzommlu l-arma imma kien imur jassistieh jew inkella jmur igiblu l-medicinali li jkollu bzonn. Iktar minn hekk kienet tkun l-ewwel haga li jispjega lill-pulizija u mhux jahrab minn fuq il-post. Ghaldaqstant fil-fehma ta' dina l-Qorti x-xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda in difesa (li huma kollha ta' membri tal-familja tal-imputat) ma ghandhomx mis-sewwa.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni stante li tirrigwarda kacca fi stagun maghluq galadarba mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni stess jirrizulta li l-istagun kien miftuh, filwaqt li ser tghaddi sabiex isib htija fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni ghaliex dawn sufficjentament ippruvati.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi relatati mal-istess. Il-Qorti qieset ukoll li t-tieni u l-hames imputazzjoni huma l-istess reat ai termini tal-artikolu 12(1) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u ghaldaqstant ser tikkunsidra biss it-tieni imputazzjoni ai fini ta' piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 18(1)(c), 12(1); 7(1)(d); u 7(2) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet, r-raba u l-hames imputazzjoni dedotti fil-konfront tal-imputat u tikkundannah ghal multa ta' €2,000.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA

Christine Farrugia

Deputat Registratur